MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 101/2005

Kawza fil-lista: 66

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellu ma' l-attrici, twieldet it-tifla E fis-7 ta' Novembru 2004; li nonostante li hu kien irrikonoxxa lit-tifla bhala bintu, il-konvenuta baqghet iccahdu milli jkollu access "f' hinijiet u fi zmien ragjonevoli ghat-tarbija li qeda fil-kustodja tal-konvenuti"; u ghalhekk qed jitlob access "ragjonevoli" ghal bintu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li, l-access li jinghata lill-attur ghandu jkun supervizzjonat

“minn persuni adegwati minhabba c-cirkostanzi fizici u psikologici ta’ l-attur”;

Rat il-kontro talba li permezz taghha l-konvenuta rikonvenzjonanti qeda titlob li l-attur jigi ordnat ihallas lilha manteniment ghat-tifla; kopja ta’ din il-kontro talba, li tinsab a fols.42 u 43 tal-process, qed tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A];

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat u li tinsab inserita fil-process a fol.91, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-haddiema socjali Josette Camilleri minnha mahluf fil-5 ta’ Ottubru 2005;

Rat id-diversi digriet provvizorji moghtija minn din il-Qorti rigwardanti l-access u l-manteniment ghal minuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni u l-Kontro talba**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jinghata access adegwat ghal bintu E; filwaqt li permezz tal-kontro talba, il-konvenuta qeda titlob li l-attur, minn naha tieghu, jhallas lilha manteniment ghat-tifla.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bi prospetti matrimonjali. Di fatti l-attur kien akkwista post bl-ghajnuna finanzjarja ta’ missieru.  Fil-mori ta’ din ir-relazzjoni il-konvenuta harget tqila, b’ tarbija tal-konvenut; izda fil-perijodu tat-tqala nqala’ hafna nkwiet, u r-relazzjoni giet terminata.

Fis-7 ta’ Novembru 2004 twieldet it-tifla tal-partijiet, u skond l-attur, meta hu sar jaf bit-twelid, beda l-proceduri sabiex jirrikonoxxa lit-tifla.  Fil-fatt hu pacifiku li l-attur

irrikonoxxa t-tifla permezz ta’ att notarili ppubblikat fit-28 ta’ Frar 2005.

Illi minn dak iz-zmien bdiet battalja shiha bejn il-partijiet, bil-participazzjoni attiva tal-genituri rispettivi, rigward l-access tal-missier ghat-tifla.

Il-konvenuta ma toggezzjonax li l-attur li jara lil bintu, izda ssostni li, minhabba d-dizabilita’ tieghu konsistenti f’ vista baxxa hafna, l-access ghandu jkun supervizjonat; inoltre, inizjalment espremiet il-biza’ li t-tifla tigi mghewwiha kontra taghha mill-familjari ta’ l-attur. Il-konvenuta qed titlob ukoll li l-attur jaghti manteniment adegwat ghat-tifla li tinsab fil-kura u kustodja taghha.

L-attur minn naha tieghu jghid li, huwa minnu li hu ghandu vista baxxa hafna u li hi ta’ ostakolu sabiex isib xoghol, tant li qed jiehu pensjoni tad-dizabilita’, izda dan il-fatt ma jimpedihx milli jghix hajja ndipendenti, u di fatti, jghid li: hu jghix fid-dar tieghu ndipendentement mill-genituri tieghu; ghandu licenzja tas-sewqan [li giet ezebita], ghalkemm isuq fl-ghelieqi, u okkazzjonalment jiehu hsieb in-neputijiet tieghu. Huwa ghalhekk jinsisti fuq id-dritt tieghu li jara u jirrelata ma’ bintu. Rigward l-manteniment pretiz mill-konvenuta, jghid li huwa jghix fuq pensjoni, u ma jistax jghati aktar minn €93.17 kull erba’ gimghat.

Illi mill-provi jirrizulta li sas-sena 2005 l-attrici kellha ntrojtu ta’ circa €797 [ekwivalenti ghal Lm342] fix-xahar, oltre €100 [ekwivalenti ghal Lm43] children’s allowance; filwaqt li l-konvenut jircevi beneficju socjali fl-ammont ta’ circa €363 [Lm156] fix-xahar.

Illi rigward is-somma ta’ Lm13,000 li l-attur kellu fil-pussess tieghu, l-attur korroborat minn missieru, jghid li dak kien is-sehem tieghu mid-donazzjoni li missieru kien ghamel lit-tfal tieghu meta rtira minn negozju, u li s-sehem ta’ l-attur kien ta’ circa Lm15,000. L-attur jghid li dan l-ammont intnefaq fl-akkwist u fl-inrrangar tal-post tieghu u li fih qed hu jabita llum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Access*

Illi llum il-minuri ghandha ‘il fuq minn hames [5] snin, u, ghalhekk, l-access favur il-missier ghandu jkun wiehed ampju tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz; ghax huwa mportanti, u huwa dritt ta’ u huwa fl-interess tal-minuri, li fl-assenza ta’ ragunijiet gravi li juru l-kuntrarju, li l-minuri tizviluppa relazzjoni stabbli u soda ma’ missierha.

Minn naha l-ohra, pero’ l-kondizzjoni medika ta’ l-attur, u anke dik tat-tifla, jezigu li fil-hin ta’ l-access ikun prezenti persuna parentata ma’ l-attur. Ghaldaqstant, rebus sic stantibus l-Qorti qed takkorda lill-attur access ghal bintu minuri darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis, mill-5.00 pm sas-7.30 pm, u kull Sibt u Hadd, b’ mod alternat, mid-9.30am sas-12.30pm. Il-minuri ghandha tingabar ghall-access mill-attur u tigi ritornata minnu. Illi waqt l-access ghandu jkun hemm dejjem familjari ta’ l-attur. L-attur huwa wkoll ordnat li matul l-access jassigura li t-tifla ma tinghatax ikel jew sustanzi li jmorru kontra dak certifikat mill-Pedjatra Dottor Alexander Lija fid-dokument LM a fol.285 li kopja tieghu qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici C], kif ukoll li tiehu l-mistura li ghandha bzonn skond ic-certifikati annessi man-nota tal-konvenuta a fols.309 et seq tal-process.

*Manteniment*

Illi rebus sic stantibus il-Qorti qed tordna li l-attur jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifla billi, sakemm din tkun ghadha minorenni, huwa jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ mija u hames ewro [€105] kull erba gimghat li ghandhom jitnaqqsu direttament mill-beneficju socjali moghti lilu mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u jintbaghtu direttament lill-konvenuta fl-indirizzi residenzjali taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tilqa’ l-istess fit-termini ta’ kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Access’; filwaqt li tiddecidi dwar it-talbiet tal-konvenuta billi tilqa’ l-istess, fit-termini ta’ kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------